ECHA
EUROPEAN CHEMICALS AGENCY
Stqarrija għall-Istampa

*Ċaħda ta' reponsabbiltà: Din hija traduzzjoni tax-xogħol ta' dokument ippubblikat oriġinarjament bl-Ingliż. Id-dokument oriġinali huwa disponibbli fuq il-websajt tal-ECHA.*

ECHA/PR/12/06

# L-ECHA tippubblika informazzjoni dwar oġġetti għall-użu mill-konsumatur li jikkontienu Sustanzi ta' Tħassib Serju Ħafna (SVHCs)

**Ħelsinki, 5 ta' Marzu 2012** – Għall-ewwel darba, l-ECHA qiegħda tippubblika informazzjoni dwar oġġetti fis-suq tal-UE li jikkontienu SVHCs inklużi fuq il-Lista tal-Kandidati. Id-dejta miġbura hija bbażata fuq informazzjoni mgħoddija minn kumpaniji lill-ECHA f'dossiers ta' notifika u reġistrazzjoni.

Il-biċċa l-kbira tan-notifiki li waslu s'issa jirrigwardaw erba' ftalati li ddaħħlu fuq il-Lista tal-Kandidati minħabba t-tossiċità tagħhom għar-riproduzzjoni. Tipikament dawn jistgħu jinsabu f'oġġetti tal-plastik. Eżempji ta' dawn l-oġġetti notifikati huma kejbils, boroż, materjal tal-imballaġġ, ħwejjeġ bi protezzjoni kontra l-ilma u kisi tal-artijiet PVC. It-tieni notifika l-aktar komuni tirrigwarda l-kimika brominata reżistenti għan-nar (HBCDD), li hija persistenti, bijoakkumulattiva u tossika. Din is-sustanza tista' tinsab f'oġġetti użati mis-setturi tal-kostruzzjoni u tal-bini bħal pannelli tal-plastik għall-insulazzjoni termali tal-bini. Din ġiet notifikata wkoll f'fowm tal-polistirene użat għall-imballaġġ u fil-kisja tal-plastik ta' apparat elettroniku.

Dan ma jfissirx li l-oġġetti kollha ta' dawn it-tipi jikkontienu s-sustanza, iżda biss li jista' jkun il-każ. Bl-istess mod, jekk l-oġġett ma jkunx jinstab fil-lista ma jfissirx li dan ma jkunx jikkontieni SVHC.

L-ECHA qiegħda tippubblika din l-informazzjoni biex iżżid mat-tagħrif li ġeneralment qiegħed jiżdied dwar l-użu u l-preżenza ta' sustanzi perikolużi f'oġġetti għall-użu mill-konsumatur. L-informazzjoni għandha wkoll l-għan li tfakkar lill-importaturi u lill-produtturi dwar l-obbligi legali tagħhom li javżaw, skont ċerti kundizzjonijiet, meta l-oġġetti tagħhom jikkontienu sustanzi li qegħdin fuq il-Lista tal-Kandidati. Fl-aħħar nett, il-konsumaturi jitfakkru li għandhom id-dritt ikunu jafu meta s-sustanzi fuq il-Lista tal-Kandidati jkunu preżenti f'oġġetti li jkunu jixtiequ jixtru. Huma għandhom id-dritt jitolbu dan it-tagħrif mill-bejjiegħ bl-imnut u jirċievu tweġiba fi żmien 45 jum.

Minn April sa Diċembru 2011, l-Aġenzija rċeviet 203 notifiki biss. Peress li dan huwa obbligu ġdid għall-produtturi u l-importaturi ta' oġġetti, ħafna jistgħu ma jafu bir-responsabbiltà tagħhom li javżaw. Għaldaqstant l-informazzjoni ma tipprovdix stampa kompluta ta' sustanzi ta' tħassib serju ħafna f'oġġetti fis-suq tal-UE. Għaldaqstant il-kumpaniji qegħdin jitħeġġu jagħmlu fiż-żgur li jkunu implimentaw l-obbligi legali tagħhom f'dan ir-rigward.

Il-produtturi u l-importaturi ta' oġġetti jistgħu javżaw lill-ECHA bil-preżenza f'oġġetti tal-20 SVHC li kienu inklużi fil-Lista tal-Kandidati f'Diċembru 2011 sad-data tal-għeluq ta' Ġunju 2012.

Id-dejta tinsab fis-sit elettroniku tal-ECHA u tiġi aġġornata kull sitt xhur.

## Aktar Tagħrif:

Dejta dwar is-Sustanzi fuq il-Lista tal-Kandidati li jinsabu f'oġġetti:
http://echa.europa.eu/web/guest/information-on-chemicals/candidate-list-substances-in-articles

Il-Lista tal-Kandidati:
http://echa.europa.eu/web/guest/addressing-chemicals-of-concern/authorisation/substances-of-very-high-concern-identification/candidate-list-of-substances-of-very-high-concern-for-authorisation

Notifika ta' sustanzi tal-Lista tal-Kandidati li jinsabu f'oġġetti:
http://echa.europa.eu/en/web/guest/regulations/reach/candidate-list-substances-in-articles/notification-of-substances-in-articles

Annankatu 18, Kaxxa Postali 400, FI-00121 Ħelsinki, Finlandja | Tel. +358 9 686180 | Fax +358 9 68618210 | echa.europa.eu